MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 476/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. David Saliba)**
**Vs**
**James Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 397869M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli
1. fil-kapaċita` tiegħu ta' supervisor għall-proġett għall-istadju tad-disinn fix-xhur ta' qabel l-14 ta' Awwissu, 2008 matul il-ġurnata f'Gasan Showroom, Mrieħel, naqas milli jikkoordina l-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni u sigurta` billi tagħmel u ssegwi l-pjan tas-saħħa u s-sigurta` u dan ai termini ta' l-artikolu 4(4) ta' l-A.L. 281/04.

2. fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala supervisor tal-proġett għall-istadju ta' l-esekuzzjoni naqas milli

jikkoordina l-prinċipji ġenerali ta’ prevenzjoni għas-saħħa u sigurta` billi naqas milli jorganizza koperazzjoni bejn il-kuntratturi bi skop li jiġu protetti l-ħaddiema u li jiġu evitati inċidenti u periklu, kif ukoll naqas li jikkoordina arranġamenti sabiex tivverifika li l-proċeduri tax-xogħol ikunu qegħdin jiġu implimentati b’mod korrett u naqas li jieħu passi meħtieġa sabiex jiġi żgurat li persuni awtorizzati biss jitħallew jersqu fuq is-sit tal-kostruzzjoni u dan ai termini ta’ l-artikoli 5(a)(b)(i)(d)(e) u (f) ta’ l-A.L. 281/04.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Novembru 2011, li biha wara li rat ir-Regolament 4(4) tal-A.L. 281/04 u r-Regolament 5(a)(b)(i), (d), (e), (f) tal-A.L. 281/04 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u kkundannatu multa ta’ erba’ mija u sitta u sittin Ewro (€466).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fl-14 ta’ Novembru 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi ssib lill-appellant mhux ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull htija u imputazzjoni kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti u ċioe':-

1. Applikazzjoni żbaljata tal-liġi in kwantu l-imputat kien fil-fatt ħejja u segwa “Health and Safety Plan” ai termini ta’ l-artikolu 4(4) ta’ l-Avviz Legali 281/2004.
2. Applikazzjoni skorretta tal-ligi – Sejba ta’ ħtija fuq fatti li jikkostitwixxu ksur taħt artikoli differenti minn dawk ċitati mill-Ewwel Qorti u ċioe` l-artikoli 5(a) u 5(b)(i).
3. Applikazzjoni skorretta tal-ligi in kwantu l-artikolu 5(d) ma japplikax għall-proġett mertu tal-kawża.
4. Interpretazzjoni u applikazzjoni skorretta tal-kunċett ta’ Superviżjoni u ko-ordinazzjoni fis-sejba ta’ ħtija taħt l-artikolu 5(d).

5. Apprezzament u konsiderazzjoni għal kollox zbaljat, zbrigattiv u inadegwat tal-fatti dokumentati.

**Applikazzjoni zbaljata ta' l-artikolu 4(4) ta' l-Avviz Legali 281/2004**

Illi l-appellant ġie akkuzat u nstab ħati ta' ksur ta' l-artikolu 4(4) ta' l-Avviz Legali 281/04.

Illi l-artikolu 4(4) jipprovdi s-segwenti :

*"Il-pjan ta' saħħa u sigurta` għandu jistabbilixxi r-regoli applikabbli għas-sit ta' kostruzzjoni involut, filwaqt li jitqiesu, meta dan ikun meħtieg, l-attivitajiet industrijali li jkunu qegħdin isiru fuq is-sit, dan il-pjan għandu wkoll jinkludi mizuri speċifiċi li jirrigwardaw xogħol li jaqa` taħt xi waħda jew aktar mill-kategoriji ta' l-iskeda II".*

Illi l-imputat ikkonferma taħt ġurament illi xhur qabel lil-bidu tal-proġett, huwa ġia kien ħejja Pjan ta' Sahha u Sigurta` u l-istess pjan kien ġie ampjament diskuss mal-klijent u mal-kuntrattur. Dan il-pjan kien jinkludi dak rikjest mil-ligi u cioe` spjegazzjoni dettaljata dwar ir-regoli applikabbli għas-sit tal-proġett.

Illi l-imputat esebixxa dokumentazzjoni in sostenn ta' dan u ċioe` il-proprju Health and Safety Plan datat 20 ta' Mekjju 2008. Id-dokument, li jikkonsisti f'mhux anqas minn sitta u tletin pagna, huwa ferm dettaljat u jindirizza l-aspetti kollha tal-proġett relattivi għal 'Saħħa u Sigurta` fuq is-sit.

Illi għaldaqstant l-imputat ma seta bl-ebda mod jigi akkużat u aktar u aktar jinstab ħati ta' ksur ta' l-artikolu 4(4). Sejba ta' ħtija ai termini tal-artikolu 4(4), aktar u aktar wara li gie esibit il-Pjan bil-miktub (ghalhekk il-possibilita` li l-Qorti tanalizza u tgharbel il-kontenut ta' l-istess Pjan), tirrispekkja bl-aktar mod ċar applikazzjoni skorretta tal-artikolu 4(4) ta' l-Avviz Legali.

**It-tieni aggravju – applikazzjoni skorretta tal-ligi – sejba ta' ħtija fuq fatti li jikkostitwixxu ksur taht artikoli differenti minn dawk ċitati mill-Ewwel Qorti**

Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-imputat ħati inter alia ai termini ta' l-artikoli 5(a) u (b)(i).

Illi jirrizulta b'mod evidenti illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija riproduzzjoni eżatta, kelma b'kelma tal-akkuża kif dedotta mill-prosekuzzjoni. Is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ma tipprovdi l-ebda motivazzjoni għad-deċiżjoni u l-fatti li allegatament wasslu għas-sejba ta' ħtija huma biss riproduzzjoni kelma kelma tal-akkuza maħruġa mill-prosekuzzjoni.

Illi ħhalkemm l-Ewwel Qorti sabet ħtija a bazi ta' ksur ta' l-artikoli 5(a) u (b), ma hemm assolutament l-ebda riferenza għall-fatti li taw lok għall-ksur speċifikament ipprovdut f'dawn l-artikoli, la fl-akkuża u wisq anqas fis-sentenza. Di piu`, l-fatti li huma ċitati bħala l-bażi tal-akkuża u sussegwentement il-ħtija, taħt l-artikoli 5(a) u (b)(i) huma fatti illi jiffurmaw il-mertu ta' ksur ta' l-artikoli 5(d), (e) u (f), li tagħhom l-imputat instab ħati wkoll u mhux ta' l-artikoli 5(a) u (b)(i).

Illi l-akkuza u sussegwentement is-sentenza, taqra li l-imputat instab hati talli :

***"inqast milli tikoordina l-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni għas-sahha u s-sigurta billi nqast milli torganizza koperazzjoni bejn il-kuntratturi bi skop li jigu protetti l-haddiema u li jigu evitati incidenti u periklu, kif ukoll nqast li tikoordina arrangamenti sabiex tivverifika li l-proceduri tax-xoghol ikunu qeghdin jigu mplimentati b'mod korrett u nqast li tiehu l-passi mehtiega sabiex jigi zgurat li persuni awtorizzati biss jithallew jersqu fuq is-sit tal-kostruzzjoni u dan ai termini ta' l-artikoli 5(a), (b)(i), (d), (e) u (f)".***

Illi kif jirriżulta mis-sentenza, l-ħtija ai termini ta' l-artikoli 5(a) u (b)(i) hija bbazata fuq:

- Nuqqas fl-organizzazzjoni ta' koperazzjoni bejn il-kuntratturi bi skop li jigu protetti l-ħaddiema u li jiġu evitati inċidenti u periklu.

- Nuqqas ta' koordinazzjoni fl-arrangament sabiex jivverifika li l-proceduri tax-xoghol ikunu qeghdin jigu mplimentati b'mod korrett u
- Nuqqas ta' passi meħtieġa sabiex jigi żgurat li persuni awtorizzati biss jithallew jersqu fuq is-sit tal-kostruzzjoni.

Illi l-artikolu 5(a) jipprovdi għall-obbligu tas-Supervisor li :
*"jikkordina l-implimentazzjoni tal-prinċipji generali ta' prevenzjoni u sigurta`:*
*(i) meta aspetti teknici u, jew organizzattivi jkunu qed jigu decizi, sabiex ikunu ppjanati d-diversi bicciet jew stadji ta-xoghol li ghandhom isiru fl-istess hin jew wara xulxin".*
*(ii)*
Illi l-artikolu 5(b)(i) jipprovdi ghall-obbligu tas-Supervisor li :
*"Jikkordina l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti sabiex jigi zgurat li l-kuntratturi, u jekk ikun meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati ghal rashom :*
*(i) japplikaw il-prinċipji msemmija fir-regolament 8 b'mod konsistenti,*
*(ii) meta jkun hemm bżonn, isegwu l-pjan ta' saħħa u sigurta` msemmija fir-regolament 4"*

Illi ma sar l-ebda riferenza la bħala stat ta' fatt u wisq anqas bħala stat ta' dritt tal-obbligi imposti minn dawn l-artikoli u qed jiġi emfassizat il-fatt illi l-fatti li taw lok għas-sejba ta' ħtija ta' dawn iż-żewġ artikoli huma fatti illi jammontaw għal ksur ta' disposizzjonijiet għal kollox differenti (u li tagħhom instab ħati ukoll) u ċioe` l-artikoli 5(d)(e) u (f).

Illi a bazi tas-suespost, l-applikazzjoni erronea ta' l-artikoli 5(a) u (b)(ii) hija lampanti.

**It-tielet aggravju – applikazzjoni erronea tal-ligi – l-artikolu 5(d)**

Illi l-imputat instab hati ta' ksur ta' l-artikolu 5(d0 u dan billi allegatament naqas milli jorganizza koperazzjoni bejn il-

kuntratturi bi skop li jigu protetti l-haddiema u li jigu evitati incidenti u periklu.

Illi l-artikolu 5(d) specifikament jipprovdi dwar l-obbligu tas-Supervisor li :
*“Jorganizza koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inkluzi l-kuntratturi successivi fuq l-istess sit, kordinazzjoni ta’ l-attivitajiet taghhom bl-iskop li jigu protetti l-haddiema u li jigu evitati incidenti u perikli ghas-sahha fuq il-post tax-xoghol u informazzjoni reciproka skond ma hemm provdut fir-regolament 7 tar-Regolamenti dwar Disposizzjonijiet generali, hekk li jigi żgurat li persuni li jaħdmu għal rashom jiddaħħlu f’dan il-proċess meta jkun hemm bzonn”.*

Illi l-kliem utilizzat mil-legislatur jindika b’mod car li dan l-artikolu huwa applikabbli ghal kazijiet fejn il-progett jinvolvi iktar minn kuntrattur wiehed u dan bil-ghan illi fejn ikun hemm diversi kuntratturi, x-xoghol taghhom ikun ko-ordinat u ko-erenti u ma jkunx hemm lok ta’ periklu minhabba xogholijiet paralleli jew successivi minn kuntratturi differenti minhabba nuqqas ta’ komunikazzjoni, ko-ordinazzjoni u ko-erenza bejn il-kuntratturi differenti.

Illi kif gie stabbilit, anke mill-provi tal-prosekuzzjoni stess, il-progett odjern tmexxa minn kuntrattur wiehed biss – Tal-Herba Construction Limited, liema socjeta` kienet qed titmexxa minn persuna wahda biss – Anthony Spiteri.

Illi konsegwentement, il-provvedimenti ta’ l-artikolu 5(e) huma ghal kollox inapplikabbli ghall-kaz odjern u l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-imputat hati ta’ nuqqas ta’ ko-ordinazzjoni bejn diversi kuntratturi meta fil-fatt qatt ma kienx hemm diversi kuntratturi.

Illi l-imputat ghalhekk, instab hati ta’ ksur ta’ obbligu illi ma kienx impost mil-ligi proprju ghaliex l-obbligu impost mil-ligi japplika ghal scenario illi proprju ma kienx jezisti fil-kaz odjern!

Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke li kieku dan l-artikolu kellu japplika għal kuntrattur

wieħed, li ma huwiex il-kaz stante il-kliem ċar tar-Regolament, xorta waħda jista` jingħad li l-imputat għamel dak kollu neċessarju kemm qabel kif ukoll waqt kull stadju tal-progett sabiex jikoordina l-ħidma u l-operat tal-kuntrattur – dan mhux biss permezz ta' "on site visits" ta' kuljum u diskussjonijiet mal-kuntrattur iżda wkoll permezz ta' rapport dettaljati dwar l-inademjenza tar-regoli u konsulena skritta li giet ampjament spjegata mill-intimat lill-kuntrattur li da parti tieghu debitament irrikonoxxa u adirittura iffirma l-istess rapporti.

**Ir-raba aggravju – Applikazzjoni erroneja tal-ligi – l-artikolu 5(f)**

Illi l-imputat instab hati talli naqas milli jiehu l-mizuri necessarji sabiex persuni awtorizzati ma jkollhomx access ghas-sit.

Illi fl-ewwel lok jigi sollevat il-fatt illi l-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Saħħa u s-Sigurta` qatt ma aċċeda duq is-sit qabel l-14 ta' Awwissu 2008 u għalhekk bl-ebda mod ma ġie u addirittura seta jiġi pruvat illi ma ttiħdux miżuri neċessarji qabel din id-data.

Illi jerġa' jiġi sottolieat illi mit-8 ta' Awwissu 'l quddiem, l-imputat ma kellu l-ebda kontroll fuq is-sitwazzjoni iżda ġie assikurat illi l-ebda xogħolijiet ma kienu ser jitwettqu stante is-"shud down". Di piu` fl-ittra ta' l-appellant datata 7 ta' Awwissu 2008, l-istess imputat informa lill-kuntrattur illi :

***"I also hereby register in writing my verbal instruction given to you this morning that apart from the work strictly related to my Health and 'Safety instruction above, you are not allowed to carry out any work on site, or allow any entry of persons on site during the summer shutdown from Friday 8 August 2008 till Sunday 24th August 2008 both days included".***

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi l-imputat kemm-il darba fir-rapporti tieghu issolleva l-problema ta' access ghal terzmi u ddiskuta u sahansitra

impona rimedji fuq il-kuntrattur, illi da parti tieghu obbliga ruhu ma' l-imputat li jistalla l-mezzi necessarji. Tant huwa minnu illi f'ittra datata t-8 ta' Awwissu 2008 (kopja ezebita quddiem l-Ewwel Qorti), l-imputat stess baghat "urgent warning" lill-kuntrattur dwar dan in-nuqqas partikolari fejn l-istess imputat ghamilha cara hafna illi jekk il-kuntrattur ma kienx sejjer jonera l-obbligi imposti mill-imputat ( u dan in konnnsonanza ma' l-obbligi imposti mill-ligi), huwa kien ser ikun kostrett jordna s-sospenzjoni tax-xogħolijiet :

***"I hereby make it clear that should you fail to comply to (with my instructions during and put the site access control in order by the end of the summer shut down I will not allow you to resume with the works on site and will instruct you in writing to terminate your presence on the site with immediate effect."***

Illi għalhekk l-imputat għamel dak kollu neċessarju u prattikabbli sabiex jiżgura li persuni awtorizzati biss jitħallew jidħlu fuq is-sit u dan a skans ta' ripetizzjoni, permezz ta' viżiti kuljum, diskussjonijiet u laqgħat kuljum mal-kuntrattur u l-klijent, rapport bil-miktub u sahansitra warning illi l-imputat kien ser jordna s-sospensjoni tal-progett meta ra illi l-ordnijiet tieghu ma gewx rispettati.

Illi sfortunatament il-kuntrattur naqas mill-obbligi tiegħu kemm fil-konfront tal-perit imputat u ukoll fil-konfront tal-liġi stante illi mhux biss naqas milli jottempora ruħu ma' l-ordni tal-perit imputat iżda saħansitra ivvantaġġja ruħu mill-fatt li kien imsiefer u utilizza l-perjodu ta' assenza sabiex ikompli x-xogholijiet mingharj is-sikkatura ta' sorveljanza u regoli diretti imposti mill-perit.

Illi bir-rispett, ma jistax jiġi pretiż illi l-imputat jieħu l-liġi f'idejh sabiex jisforza lil kuntrattur inadempjenti jagħmel dak li s-Supervisor jiddeċiedi li huwa neċessarju izda huwa pretiz illi, jekk ikun il-kaz, jordna s-sospensjoni tal-Progett u jirraporta s-sitwazzjoni lill-Awtoritajiet f'kaz ta' inadempjenza minn kuntrattur – azzjoni illi gia kienet mwissija mill-imputat u liema azzjoni kienet ser tkun pjenament infurzata mar-ritorn tieghu f'Malta wara l-

perjodu ta’ shutdown f’eventwalita` ta’ inadempjenza kontinwata mill-kuntrattur.

Illi irid jingħad ukoll illi kien proprju l-kuntrattur illi awtorizza dħul ta’ terzi, senjatament il-vittma ta’ l-incident, fu qis-sit u dan ukoll fl-assenza tal-perit u fil-perjodu illi kellu jaghlaq is-sit bix-shutdown.

Illi għaldaqstant, is-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti kienet karatterizata minn interpretazzjoni skorretta tad-dettami tal-ligi u estendiet l-obbligi ta’ Supervisor oltre dak raġjonevolment possibbli fil-prattika.

**Il-ħames aggravju – nuqqas ta’ konsiderazzjoni u apprezzament tal-provi**

Illi l-akkużi kollha miġjuba kontra l-intimat jirrigwardjaw di natura nuqqasijiet relatati ma’ ko-ordinazzjoni u implimentazzjoni effettiva.

Illi d-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti, kif spjegat ukoll aktar kmieni fir-rikors odjern, hija karatterizata minn nuqqasijiet serji u b’mod partikolari nuqqas ta’ konsiderazzjoni adegwata u approfondita taċ-ċirkostanzi speċifiċi ħafna tal-każ u ċioe` :

1. assenza totali ta’ spezzjonijiet minn ufficjali tad-Dipartiment tas-Sahha u s-Sigurta` qabel l-14 ta’ Awwissu 2008
2. assenza totali ta’ provi da parti tal-prosekuzzjoni dwar l-andament tal-proġett qabel l-14 ta’ Awwissu 2008
3. assenza tal-Perit mit-8 ta’ Awwissu sal 25 ta’ Awwissu u nuqqas ta’ konsapevolezza jew ahjar nuqqas tal-mera possibilita` ta’ konsapevolezza da parti tal-perit dwar il-kontinwazzjonijiet tax-xogholijiet mill-kuntrattur u l-klijent
4. dokumentazzjoni kopjuza, estensiva u dettaljata dwar il-hidma metikuluza tal-perit qabel u matul il-progett
5. nuqqasijiet lampanti da parti tal-kuntrattur u tal-klijent u nuqqas ta’ responsabilita` da parti taghhom in kwantu komplew ix-xogholijiet waqt perjodu ta’ shutdown proprju meta ma kinux sorveljati

Illi l-imputat għalhekk instab ħati ta’ nuqqas ta’ ko-ordinazzjoni fl-implimentazzjoni ta’ prinċipji ġenerali ta’ saħħa u sigurta` sabiex jiġu ppjanati l-istadji tal-proġett.

Illi fl-ewwel lok,  huwa necessarju illi jsir ezami akkurat ta’ fiex ghandha tikkomprendi tali koordinazzjoni.  Fil-kaz odjern, l-imputat xehed u in piu` ippreżenta dokumentazzjoni kopjuza illi tindika bl-iktar mod car ko-ordinazzjoni mhux biss mal-klijent iżda, iktar importanti, ko-ordinazzjoni mal-kuntrattur illi effettivament kien qieghed iwettaq ix-xogholijiet.

Illi tali ko-ordinazzjoni tirrizulta ukoll mill-Health and Safety Plan datat 20 ta’ Mejju, 2008 u ukoll minn Detailed Method Statement mibghuta mill-imputat lill-klijent fit-11 ta’ Gunju 2008, u ċioe` gimagħtejn qabel ma nbeda il-proġett.  Id-dokumentazzjoni hija biss riżultat ta’ diversi studji, analiżi u laqghat li saru bejn l-imputat, il-klijent u l-kuntrattur u jirriflettu l-impenn ta’ l-imputat fit-tmexxija u l-ko-ordinazzjoni tal-progett.

Illi in piu, jigi sottolineat illi ufficjali ta’ Saħħa u Sigurta` ma kienu qatt involuti qabel l-14 ta’ Awwissu 2008 u huwa ferm inġust illi l-fatt illi sehh incident (f’perjodu fejn il-progett kellu jkun wieqaf fl-assenza ta’ l-imputat) gie awtomatikament interpretat bhala “nuqqas ta’ ko-ordinazzjoni”.  Il-prosekuzzjoni bbazat ruhha fuq ritratti li ttiehdu fl-14 ta’ Awwissu, xhur wara li kien qed jinbeda u jigi ppjanat u kkordinat il-progett u fl-ebda stadju ma gabu prova dwar nuqqas ta’ ko-ordinazzjoni fit-thejjija tal-progett – proprju ghaliex fix-xhur precedenti meta kien qed jithejja l-progett, l-ufficjali ma hadu l-ebda interess f’dan.

Illi jigi sottolineat ukoll illi l-imputat mar oltre dak rikjest mill-artikolu 5(a)(i) u fil-fatt, baqa` jikkoordina l-andament tal-progett f’kull stadju, tant illi hu stess kien mhux biss imur fuq is-sit u janalizza il-metodu ta’ l-iżvilupp iżda kien saħansitra jipprepara rapport bil-miktub li kienu jiġu diskussi mal-kuntrattur.  Tant huwa minnu li kien l-istess kuntrattur illi kien jiffirma r-rapporti tal-perit wara li jigu

diskussi u spjegati lilu u dan kif indikat mill-firem fuq id-dokumenti ezebiti quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi gialadarba :
(i) l-ufficjali relattivi ma kienu bl-ebda mod involuti fil-progett fl-istadju inizjali u lanqas ma segwew il-progett waqt l-izvilupp tieghu;
(ii) il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova konkreta dwar “nuqqas ta’ ko-ordinazzjoni” u
(iii) l-imputat stess ipproduca dokumentazzjoni li tirrifletti ko-ordinazzjoni u ppjanar bir-reqqa f’kull stadju tal-progett
(iv) l-akkuza u sussegwentement is-sentenza, giet ibbazata awtomatikament fuq il-fatt li sehh incident sitt gimghat wara l-inizjazzjoni tal-progett u ma gew citati l-ebda fatti dwar “nuqqas ta’ ko-ordinazzjoni”

Illi l-Ewwel Qorti naqset ukoll milli tikkunsidra r-responsabilita` tal-klijent fil-kaz odjern. Kif gie sottolineat diversi drabi fir-rikors odjern, il-vjagg tal-perit appellant kien ġie ppjanat xhur qabel u dan wara illi l-perit ikoordina l-btala tiegħu mal-perjodu ta’ “shutdown” tal-proġett.

Illi sfortunatament, l-appellant safa vittma ta’ negligenza da parti tal-kuntrattur illi unilateralment u ad insaputa ta’ l-imputat u kontra l-istruzzjonijiet tiegħu stess, ħataf l-okkażjoni sabiex ikompli x-xogholijiet b’ritmu mgħaġġel u possibbilment ukoll, negliġenza da parti tal-klijent illi kien konsapevoli tal-prosegwiment tax-xogholijiet u ħalla kollox għaddej.

Illi l-artikolu 6 ta’ l-Avviz Legali 281/04 jipprovdi illi :

*“meta klijent ikun ħatar xi supervisor tal-proġett biex iwettaq id-dmirijiet imsemmija fir-Regolament 5 u 6 dan ma jeħlisx lill-klijent mir-responsabilitajiet li jkollu f’dan ir-rigward”.*

Illi kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll l-Ewwel Qorti naqsu ghal kollox milli jevalwaw ir-responsabbilita` tal-klijent – evaluwazzjoni serja li kienet timmerita konsiderazzjoni

aktar u aktar fl-isfond tal-fatt illi x-xogholijiet tkomplew fl-assenza tal-perit u ad insaputa tieghu.

Illi l-Ewwel Qorti ma setghetx awtomatikament tikkonkludi, bhalma ghamlet, illi gialadarba kien hemm nuqqasijiet fis-sit (fl-assenza tal-perit minn Malta u f'perjodu li kien assenjat ghal "shutdown") sitt gimghat wara li nbeda l-progett u f'perjodu illi s-sit kellu jkun maghluq ghal "shutdown", dawn kienu awtomatikament attribwibbli ghan-nuqqas ta' ko-ordinazzjoni u responsabilita` tal-perit u dan minghajr ma taghti l-piz necessarju lill-isforzi u l-koinvolgiment estensiv ta' l-imputat li gie ppruvat b'dokumentazzjoni u n-negligenza manifesta tal-kuntrattur u l-klijent.

Illi in vista tas-suespost u wara ezami bir-reqqa tal-fattispecie tal-kaz u d-dokumentazzjoni relattiva, jirriżulta b'mod ċar illi da parti tiegħu l-imputat għamel dak kollu neċessarju bħala professjonist prattikanti għal diversi snin, sabiex jassigura illi r-rekwiziti tal-ligi jkunu rispettati, milhuqa u implimentati bl-akbar reqqa.

Illi madankollu, sorveljanza stretta da parti ta' l-imputat u pressjoni da parti ta' l-imputat għall-implimentazzjoni tal-ordnijiet minnu impost ma gewx totalment rispettati mill-kuntrattur nonostante garanzija anke permezz ta' firma da parti tal-istess kuntrattur, illi da parti tiegħu sab l-okkażjoni fl-assenza tal-perit sabiex ikompli jgħaġġel ix-xogħolijiet u jlesti l-proġett liberament bi ksur flagranti tad-direttivi tal-perit imputat.

Illi in via konklussiva irid jigi rilevat li nonostante l-imnverzjoni ta' prova f'każijiet ta' Saħħa u Sigurta`, l-imputat ġab provi cari u dokumentati dwar il-pożizzjoni tiegħu u l-ħtija tiegħu bl-ebda mod ma tirriżulta fil-grad impost mill-liġi fil-kamp kriminali.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett, dwar il-ħames aggravju, li huwa dwar nuqqas ta' apprezzament tajjeb tla-provi, il-Qorti tal-Appell Kriminali dejjem imxiet mal-prinċipju li ma tiddisturbax id-

deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk il-Qorti setgħet tasal għal din id-deċiżjoni legalment u raġjonevolment. Għalhekk il-Qorti għarblet il-provi kollha mill-ġdid.

Il-Qorti reġgħet semgħet ix-xhieda mill-ġdid u minn din ix-xhieda jirriżulta dan li ġej.

**Il-Provi**

**Provi Prosekuzzjoni**

Xehed Norman Spiteri, uffiċjal tas-saħħa u s-sigurta' li qal li fl-14 t'Awwissu 2008 huwa u kollega tiegħu marru fuq Gasan Showroom li tinsab l-Imrieħel. Huma kienu nnuttaw diversi nuqqasijiet fosthom riskji ta' waqgħat mill-għoli, ħafna ħmieġ, imbarazz 'l hawn u 'l hemm, u slielem imkissrin. Is-sur Gasan kien qalilhom li huwa kien qabbad supervisor kemm għad-design stage kif ukoll għall-construction stage. Ma kinitx saret notifika lid-dipartiment għaliex il-proġett ma kienx jaqbeż il-ħames mitt jum ta' xogħol ta' persuna. Huwa qal ukoll li ma kellux health and safety plan bil-miktub. Parti mix-xogħol tal-project supervisor huwa li jmur fuq il-post u, jekk hemm bżonn ikellem lis-sid, jew inkella lill-kuntrattur.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li ma kienx jaf li l-appellant kien ta diversi warnings bil-miktub lill-kuntrattur. Huwa qal li l-health and safety plan kellu jsir qabel ma jibda x-xogħol. Żied jgħid ukoll li kien hemm nuqqasijiet ta' ħafna aktar minn ġurnata. Huma qatt ma kienu marru fuq il-post għaliex qatt ma ġew notifikati mill-project supervisor. Huwa żied jgħid li l-persuna li sofriet l-inċident kienet daħlet minn wara u tela' mal-iscaffolding. Dana ried ikellem lit-tifel tiegħu.

**Provi Difiża**

Xehed l-appellant li qal li kien hemm health and safety plan bħala parti mill-kuntratt tal-20 ta' Mejju 2008. Ix-xogħol kien beda fit-2 ta' Lulju 2008 u spiċċa fis-27 t'Awwissu 2008. Kien hemm ukoll ġimagħtejn shut down u għalhekk il-proġett dam b'kollox tletin jum ta' xogħol.

Kull ġimgħa kien jagħmel lista ta’ nuqqasijiet lill-kuntrattur (ara dokumenti a fol 21 et seq). Din il-liosta saret erba’ darbiet. Dawn kien jispjegahom lill-kuntrattur u wara l-kuntrattur jiffirma li kien fehem u li kien ser jieħu ħsieb jirranġa n-nuqqasijiet. Fl-aħħar kien kiteb lill-kuntrattur li matul ix-shutdown, il-kuntrattur kellu jieħu ħsieb tan-nuqqasijiet kollha. Ix-xhud spjega wkoll li huwa kien qal lis-sid li kien ser iwaqqaf lill-kuntrattur mix-xogħol jekk il-kuntrattur mhux ser jobdi. Il-kuntrattur kien jirranġa xi nuqqasijiet u ġieli żammli l-pagamenti biex iħajru jirranġa aktar. Matul ix-shutdown, mhux suppost li l-kuntrattur kien qed jaħdem anzi kellu ordni beix jidħol biss ħa jirranġa xi nuqqasijeit (fol 138). Il-kuntrattur kien jirfranġa area u wara ftit iħarbat area oħra għaleix il-bejt kien ta’ xi tlitt elef metru kwadru.

Fil-kontro-eżami x-xhud spjega li hwua ma kienx issottometta n-notifika lid-dipartiment minħabba li jekk kont ser tagħmel anqas minn mitt jum ta’ xogħol, allura ma kellekx bżonn tagħti n-notifika. Il-kuntrattur kien jobdi l-ordnijiet mogħtija lilu iżda mbagħad jagħamel nuqqasijiet band’oħra, jiġifieri f’area ġdida. Kienet qed issir problema rikorrenti. Il-proġett kien ta’ erba’ ġimgħat biss iżda x-xhud xorta kellem lis-sid u qallu li jekk il-kuntrattur ma keinx ser joqgħod għall-kliem tax-xhud, ix-xhud kien ser iwaqqfu mix-xogħol. Fil-fatt, kien kitiblu (ara d-dokument fil-proċess) u l-kuntrattur aċċetta l-ittra u ffirma li jekk mhux ser jirranġa n-nuqqasijiet kien ser jitwaqqaf mix-xogħol. Ix-xhud qal li mhux normali li tieħu miżuri drastiċi mill-ewwel, aktar u aktar meta l-proġett ikun qasir. Ix-xhud qal ukoll li huwa kien imur kull filgħodu u dejjem kien jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur. L-inċident ġara fiż-żmien tax-shutdown. Ix-xhud qal li wara t-tielet rapport huwa ħareġ ir-raba’ rapport u l-ittra flimikien.

**Punti ta’ Liġi.**

Ir-regolamenti relevanti għal dan il-każ huma dawn li ġejjin:

Ir-regolament 4(4) tal-Avviż Legali 282 tas-sena 2004 (424.29 fuq l-Internet) jgħid hekk;

'(4) Il-pjan ta' saħħa u sigurtà għandu jistabbilixxi r-regoli applikabbli għas-sit ta' kostruzzjoni involut, fil-waqt li jitqiesu, meta dan jkun meħtieġ, l-attivitajiet industrijali li jkunu qegħdin isiru fuq is-sit; dan il-pjan għandu wkoll jinkludi miżuri speċifiċi li jirrigwardaw xogħol li jaqa' taħt xi waħda jew aktar mill-kategoriji tal-Iskeda II.'

Ir-regolament 5 tal-Avviż Legali 282 tas-sena 2004 (424.29 fuq l-internet) jgħid hekk:

**5.** Is-*supervisor* tal-proġett għall-istadju ta' l-esekuzzjoni għandu:
(*a*) jikkordina l-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni u sigurtà:

(i) meta aspetti tekniċi u, jew organizattivi jkunu qed jiġu deċiżi, sabiex ikunu ppjanati d-diversi biċċiet jew stadji tax-xogħol li għandhom isiru fl-istess ħin jew wara xulxin,

(ii) meta jkun qed jigi kkalkulat il-perijodu meħtieġ għat-twettiq ta' dak ix-xogħol jew ta' stadji tax-xogħol;

(*b*) jikkordina l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti sabiex jigi zgurat li l-kuntratturi, u jekk ikun meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għal rashom:
(i) japplikaw il-prinċipji msemmija fir-regolament 8 b'mod konsistenti,
(ii) meta jkun hemm bżonn, isegwu l-pjan ta' saħħa u sigurtà msemmija fir-regolament 4;

(ċ) jagħmel jew iġiegħel li jsir, kull aġġustament meħtieġ għall-pjan tas-saħħa u s-sigurtà u fil-*file* imsemmi fir-regolament 4 biex jitqies il-progress tax-xogħol u kull bidla li tkun seħħet;[1]

---

[1] Dan is-subparagrafu ma ssemmiex fiċ-ċitazzjoni u fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-2 ta' Novemberu 2011.

(*d*) jorganizza koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inklużi l-kuntratturi suċċessivi fuq l-istess sit, kordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom bl-iskop li jiġu protetti l-
ħaddiema u li jiġu evitati in`identi u perikli għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol u informazzjoni reċiproka skont ma hemm provdut fir-regolament 7 tar-Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali, hekk li jiġi żgurat li persuni li jaħdmu għal rashom jiddaħħlu f'dan il-proċess meta jkun hemm bżonn;

(*e*) jikkordina arranġamenti sabiex jivverifika li l-proċeduri tax-xogħol ikunu qegħdin jiġu implimentati b'mod korrett;

(*f*) jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li persuni awtortizzati biss jidħlu fis-sit ta' kostruzzjoni.

**Applikazzjoni tal-prinċipji legali għall-fatti**

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, jirriżulta għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti,li l-appellant kien tassew ħajja pjan tas-saħħa u sigurta' kif jirriżulta mill-atti stess. Dan kien għamlu fl-20 ta' Mejju 2008 kif jidher minn fol 21 et seq tal-proċess. Mix-xhieda li semgħet il-Qorti jirriżulta li s-sid tal-post tal-kostruzzjoni ma kienx jaf b'dan il-pjan u għalhekk huwa għarraf lill-uffiċjal tas-Saħħa u s-Sigurta' ma kienx preċiż. Huwa veru li s-sid seta' ma kellux f'idejh dan id-dokument iżda dan id-dokument kien jeżisti kif ġie ippruvat mill-appellant stess meta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati huwa ppreżenta d-dokument relevanti. Fil-fatt id-dokument kien parti waħda mill-kuntratt tax-xogħol li kellu jsir.

Il-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li dan il-pjan kellu xi dettalji nieqsa minn dawk li trid il-liġi, inklużi dawk id-dettalji li jaqgħu taħt l-iskeda numru 2.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju u qed tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni.

It-Tieni Imputazzjoni

Din l-imputazzjoni tista' tinqasam kif ġej:

L-appellant

(i) naqas li jorganizza koperazzjoni bejn il-kuntratturi;
(ii) li jikkoordina arranġamenti sabiex jivverifika li l-proċeduri tax-xogħol ikunu qed jiġi implimentati b'mod korrett;
(iii) li jieħu passi sabiex jiġi żgurat li persuni awtorizzati biss jidħlu fil-post tal-kostruzzjoni.

Mill-fatti kif jidhru fil-proċess jirriżulta li f'dan il-każ kien hemm kuntrattur wieħed biss u għalhekk l-ewwel parti ta' din l-imputazzjoni ma tistax tissusisti.

Dwar it-tieni parti tat-tinei imputazzjoni, mill-atti jirriżulta – kemm mix-xhieda kif ukoll mid-dokumenti ġuramentati – li l-appellant kienq ed imur fiq is-site kull jum u kull ġimgħa kien qed joħroġ rapport bin-nuqqasijiet lill-kuntrattur. Dan tal-aħħar kien qed jiffirma u jwiegħed li jirranġa n-nuqqasijiet. Saħansitra fl-aħħar saret twissija li l-kuntrattur kellu juża s-shut down biex ma jħalli ebda nuqqas. Mix-xhieda tal-appellant jirriżulta wkoll li l-kuntrattur kien jobdieh u jieħu ħsieb jirranġa n-nuqqasijiet li fuqhom ikun twissa. Iżda mbagħad il-kuntrattur jimxi bix-xogħol għal fuq parti oħra tal-bejt u jagħmel nuqqasijiet ġodda.

Fil-fehma tal-Qorti l-appellant għamel dak kollu li seta' jagħmel biex jissorvelja li saħħet il-ħaddiem tkun imħarsa u sabiex jaċċerta ruħu li l-proċeduri tax-xogħol kienu qed jiġu implimentati b'mod korrett. Saħansitra żamm xi pagamenti lill-kuntrattur u fl-aħħar hedded ukoll li ser ineħħih minn fuq is-sit ta' kostruzzjoni.

Il-Prosekuzzjoni staqsiet jekk l-appellant kellux iwaqqaf lill-kuntrattur mal-ewwel. Prima facie jdiher li hekk għandu jsir għax is-saħħa tal-ħaddiem tiġi l-ewwel u qabel kollox iżda f'dan il-każ l-appellant kien jara ubbidjenza da parti tal-kuntrattur kull meta nġibditlu l-attenzjoni. Filfatt in-nuqqasijiet kienu qed isiru fuq partijiet ġodda tal-proġett.

F'sitwazzjoni bħal din l-appellant ma jistax jinstab ħati kriminalment. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-appellant mit-tieni parti ta' din l-imputazzjoni.

Dwar it-tielet parti, il-Qorti tinnota li l-persuna mhix awtorizzata daħlet fi żmien ix-shut down. L-appellant qagħad attent li ma jsifirx matul iż-żmien tax-xogħolijiet. Anzi kien ta struzzjonijiet lill-kuntrattur sabiex iż-żmien tax-shut down jintuża ħalli jitneħħew il-perikli li seta' jkun hemm għall-ħaddiema. Jekk in-naħa ta' wara tas-sit tal-kostruzzjoni kien hemm bieb li minnu seta' jidħol min mhux awtorizzat, kull dħul li sar bla permess ma jistax ikun attribwit għal xi negliġenza tal-appellant.

Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-appellant minn din it-tielet parti tal-imputazzjoni numru 2.

Konsegwentement qed tilqa' t-tieni, t-tielet u r-raba' aggravju tillibera lill-appellant minn din it-tieni imputazzjoni.

Isegwi li qed tilqa' wkoll il-ħames aggravju.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti qed tirrevoka u tħassar s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus James Farrugia ta' nhar it-2 ta' Novembru 2011 u qed tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------